V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8522 — Avantor/VWR)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 317/03)

1. Fil-15 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Avantor, INC. (l-Istati Uniti), kkontrollata minn Mew Mountain Capital LLC (l-Istati Uniti),

— VWR Corporation (l-Istati Uniti).

Avantor takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Għaqdiet il-kontroll tat-totalità ta' VWR.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Avantor: Avantor hija fornitur globali ta' materjali ta' purezza estremament għolja, inkluż sustanzi kumiċi tal-laboratorju għas-setturi tax-xjenzi tal-ħajja u tat-teknoloġija avvanzata.

— għal VWR: VWR hija distributur globali ta' prodotti u servizzi tal-laboratorju. Hija tiddistribwixxi sustanzi kimiċi, reaġenti, materjal li jiġi kkunsmat kif ukoll apparat u strumenti xjentifiċi, u toffri prodotti kemm tad-ditta kif ukoll ta' tikketta privata. VWR hija wkoll attiva fil-manifattura ta' prodotti tal-bijoxjenza u ta' sustanzi kimiċi għal-laboratorju.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8522 — Avantor/VWR

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika:

COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks:

+32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË